# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 547/2014 SM**

**L-Avukat Dr Franco B. Vassallo u**
**l-Perit Legali Silvana Vella**

**vs.**

**Ir-Registratur (Qrati Civili u Tribunali)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-23 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi rrapprezentaw lill-Awtorita` tat-Trasport f'Malta f'kawza fl-ismijiet *Salv Bezzina & Sons Limited et*. vs. *Chairman tal-Awtorita` Marittima ta' Malta et*., (Rikors Numru 1069/2006);

1.2. Illi r-rikorrenti fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti kienu ppartecipaw f'sejha ghal-proposti organizzata mill-Awtorita` Marittima ta' Malta, (illum l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta), u mill-Ministeru hemm indikat;

1.3. Illi eventwalment, l-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir kien gie mirbuh mis-socjeta` *Valletta Gateway Terminals Limited*;

1.4. Illi f'dik il-procedura kien gia` allegat mir-rikorrenti li l-ghoti tal-kuntratt kien kontaminat b'irregolaritajiet u li ghalhekk il-kuntratt *de quo* kellu jithassar, (ara foll 2);

1.5. Illi l-kawza *de quo* kienet deciza fiz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 3), u ddecidiet li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

1.6. Illi *stante* li s-sentenza fuq riferita ma gietx appellata ghaddiet in gudikat;

1.7. Illi fuq talba tar-rikorrenti r-Registratur irrilaxxa t-taxxa ta' l-ispejjez datata t-28 ta' Mejju, 2014, fejn id-dritt dovut lir-rikorrenti odjerni kien stabbilit bil-mod segwenti:

   1.7.1. Avukat: sitt mija u ghaxar Ewro (€610.00);

   1.7.2. Prokuratur Legali: mitejn u tlett Ewro u tlieta u tletin centezmu, (€203.33);

1.8. Illi r-rikorrenti jikkontendu li dan id-dritt ma jirriflettix id-dritt dovut lilhom skont il-ligi u hu ezageratament baxx;

1.9. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hemm indikati, (ara foll 4 sa 10), ir-rikorrenti qed jattakkaw l-imsemmija taxxa, (ara paragrafu numru wiehed punt sebgha, (1.7.), aktar qabel);

1.10. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

   1.10.1. Thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet fil-kawza Salv Bezzina & Sons et vs. l-Awtorita`

Marittima ta' Malta et, sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2014;

1.10.2. Tordna li l-istess taxxa tinhadem mill-gdid abbazi tal-valur tal-kuntratt ta' koncessjoni jew, skont dawk id-direzzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;

2.0. Rat ir-risposta datata t-28 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha d-Direttur Qrati Civili u Tribunali rrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hi nulla *stante* li bhala kawza ta' ritassa, kellha tigi diretta kontra kull min jista` jigi milqut, u ghalhekk il-partijiet kollha ghandhom jigu inkluzi f'din il-kawza;

2.3. Illi *stante* li l-kawza *de quo* kienet tirrigwarda ghemil amministrattiv, allura ma tistax titqies li ghandha tigi intaxxata *ad valorem*;

2.4. Illi r-Registratur kien konsistenti fuq it-taxxa in dizamina u mhix il-prassi li l-konsulenti jinghataw l-opportunita` li jaqblu fuq il-valur tal-kawza;

2.5. Illi f'dan is-sens ir-Registratur jikteb lil kull min ikun involut ghal din il-fini meta tkun minnha nnifisha taxxabbli *ad valorem* u l-valur ma jkunx likwidat;

2.6. Illi pero` s-suespost ma japplikax meta l-kawza tkun fuq punt ta' ligi jew meta tkun regolata mit-tariffi annessi mal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.7. Illi t-taxxa involuta fil-kawza in dizamina hi regolata bis-sessjoni 15(b) tat-Tariffa E ta' l-imsemmi Kap 12;

2.8. Illi s-seduti mizmuma mill-perit legali huma irrilevanti ghall-fini ta' taxxa finali;

2.9. Illi tali seduti indikati fil-paragrafu precedenti jigu intaxxati *ad hoc*, kif fil-fatt gew intaxxati fil-procedura in dizamina;

2.10. Illi l-intaxxar tal-perit legali ghas-servizzi minnhu rezi hu ghal kollox differenti;

2.11. Illi l-vertenza in dizamina kellha tigi ntaxxata, kif giet, bhala punt ta' ligi;

2.12. Illi fil-kawza *de quo* ma saret l-ebda talba ghad-danni u konsegwentement, dawn ma gewx likwidati;

2.13. Illi s-sezzjoni 14 rikjamata mir-rikorrenti japplika biss fejn it-Tariffa ma tipprovdix mod iehor;

2.14. Illi fil-kaz *de quo* it-Tariffa tipprovdi specifikatament kif jigu ntaxxati kawzi ta' *"judicial review"*, u dan, skont id-disposizzjoni 15(b) tal-istess Tariffa;

2.15. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.16. Salv risposti ulterjuri;

2.17. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat id-digriet taghha datat it-23 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, li ghandhom l-ewwel jigu indirizzati l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat, ordnat il-kapovolgiment tal-provi, (ara foll 30);

4. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali ta' l-intimat ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tar-rikors guramentat numru 1069/2006, deciz fiz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 33);

5. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw l-eccezzjonijiet preliminari in dizamina bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 35)

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-8 t'April, 2015, (ara foll 36), u n-nota t'osservazzjonijiet ta' l-intimat datata l-14 ta' Mejju, 2015, (ara foll 40);

7. Rat il-verbal datat iz-19 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu, l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti informa lill-qorti li ma kellu l-ebda oggezzjoni ghan-nota fuq riferita ta' l-intimat *nonostante* li tardiva, (ara foll 43);

8. Rat id-digriet taghha wkoll datat iz-19 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu, in vista ta' l-istess dikjarazzjoni ta' l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti, ddikjarat li qed tiehu konjizzjoni ta' Il-istess, (ara foll 43);

9. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 43);

10. Ezaminat id-dokumentazzjoni *in atti*;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi jigi sottolineat f'din il-fazi li l-procedura odjerna hi limitata ghar-rizoluzzjoni taz-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat, senjatament:

11.1. Illi kawza ta' ritassa ghandha tigi diretta kontra kull min jista` jigi milqut, (ara foll 24);

11.2. Illi l-kawza in dizamina, (Rikors Numru 1069/2006 fl-ismijiet *Bezzina & Sons Limited* et nomine vs. *Chairman* tal-Awtorita`Marittima ta' Malta *et* kienet dwar ghemil amministrattiv u ma tistax titqies bhala kawza li ghandha tigi intaxxata *ad valorem*;

Ikkunsidrat:

12.0. **Kontra min ghandha tigi indirizzata l-kawza odjerna:**

12.1. Illi l-procedura ta' intaxxar ta' spejjez gudizzjarji hi sommarjament regolata permezz ta' l-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq indikati;

12.2. Illi effettivament hu allura stabbilit is-segwenti:

12.2.1. Illi tali kawza ghandha tigi intavolata sa zmien xahar minn meta tigi rilaxxata mir-registratur, (ara artiklu 64(1) Kap 12);

12.2.2. Illi l-azzjoni *de quo* ghandha:

12.2.2.i. Tibda b'rikors, u

12.2.2.ii. Tigi trattata sommarjament, (ara artiklu 64(1) Kap 12);

12.2.3. Illi t-terminu impost jiddekorri bil-mod segwenti:

12.2.3.i. Ghal dak li jitlob it-taxxa: jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa;

12.2.3.ii. Ghad-debitur: jibda jghodd mill-gurnata li jkun notifikat;

12.2.4. Illi biex jintlahqu l-ghanijiet procedurali indikati r-rikorrenti hu statutorjament ritenut li:

"... jara li kopja tar-rikors tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih ..." (ara artiklu 64(2) tal-Kap 12);

12.2.5. Illi sussegwentement, il-parti notifikata jkollha ghoxrin gurnata biex tipprezenta ir-risposta taghha, (ara artiklu 64(2) tal-Kap 12);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi analisi sintetika tas-suespost tirrileva s-segwenti:

13.1. Illi min ikun interessat li jintavola kawza ghal ritassa ghandu jimxi fuq il-passi stabbiliti fl-artiklu 64 fuq riferit;

13.2. Illi *ai termini* ta' l-artiklu 64(2) fuq riferit jirrizulta li hu l-obbligu tar-rikorrenti li jinnotifika biss lil kull minn ovvjament hu jahseb li jkollu interess f'tali procedura li hu jkun inizja;

13.3. Illi effettivament tali oneru jirrizulta pjuttost azzardat specjalment meta jkollok xi procedura li jkollha kwantita` kbira ta' partijiet involuti haga li ghal kemm mhux daqstant komuni, pero` mhix rari;

14. Illi pero` ghandu jirrizulta abbundantement assodat li l-kaz odjern hu limitat ghall-interess biss tar-rikorrenti li qed ihossuhom umiljati bit-taxxa rilaxxata fil-konfront taghhom, *molto piu`* meta wiehed jikkonsidra li dik il-kawza in dizamina hadet madwar disgha jew ghaxar snin biex giet deciza, u kellha tnejn u erbghin, (42), seduta quddiem il-perit legali biss, (ara foll 9);

15. Illi in effetti l-interess riskontrat f'din il-procedura hu limitat ghall-kontendenti odjerni billi r-relazzjoni konkretizzata bil-hrug tat-taxxa *de quo* iddelineat relazzjoni unika u diretta bejn ir-registratur li hareg it-taxxa u r-rikorrenti li kienu kolpiti bl-effetti ta' l-istess;

16. Illi l-kawza odjerna hi ilment tar-rikorrenti fir-rigward tat-taxxa lilhom mahruga mir-registratur intimat, u l-partijiet l-ohra involuti fil-kawza minnhu intaxxata m'ghandhom l-ebda interess fir-rigward u allura, ma jista` jkollhom l-ebda vuci in kapitolu;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li l-intimat ipprova din l-ewwel eccezzjoni tieghu u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat;

17.2. Bl-ispejjez kontra l-istess intimat;

Ikkunsidrat:

18. **X'tip ta' kawza kienet dik tar-Rikors Numru 1069/2006:**

Illi kif indikat mill-istess rikorrenti odjerni fil-procedura odjerna, l-kawza fl-ismijiet Bezzina & *Sons Limited et nomine* vs. *Chairman* tal-Awtorita` Marittima ta' Malta et kienet imsejsa fuq l-artiklu 469A tal-Kap 12 fuq riferit;

19. Illi tali kawza allura tirrigwarda stharrig ta' azzjoni amministrattiva;

20.0. Illi r-rikorrenti hassewhom pjuttost sorprizi bit-taxxa mahruga fil-konfront taghhom, u dan:

20.1. Kemm imhabba l-ammonti involuti fil-kuntratt in dizamina;

20.2. Kemm meta wiehed jipparaguna t-taxxa tar-rikorrenti ma dik rilaxxata lill-perit legali involuta;

20.3. Kemm ukoll ghaliex fis-sentenza taghha l-qorti indikat *obiter* li l-procedura ma kinitx ristretta biss ghall-"punt ta' dritt" *in vacuo*, imma li imhabba l-allegati kontenzjonijiet, il-koncessjoni moghtija lill-*Valletta Gateway Terminals Limited* kellha minflok tinghata lir-rikorrenti f'dik il-kawza;

21. Illi l-fatt li l-qorti hemm iddecidiet mod iehor hu irrilevanti ghaliex il-kontenzjoni sollevata giet indirizzata u effettivament deciza – ghalkemm kontra l-istess rikorrenti fl-istess kaz;

22. Illi kif sintetikament ritenut mill-**Qorti Civili Prim'Awla** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mizzi *nomine*** vs. **Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine*** datata t-**22 ta' Mejju, 1953, Volum XXXVII Pt. II p. 712**:

> "... meta t-talba tkun ghal somma jew proprjeta` t-tassazzjoni ssir *"ad valorem"*

23. Illi *di piu`* l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli temfasizza li f'dan il-kaz hemm bzonn li tkun ezaminiata n-natura vera tad-decizjoni li fuqha tkun saret it-tassazzjoni impunjata;

24. Illi in effetti s-sentenza in dizamina kienet tirrigwarda xejn anqas mill-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir xoghol ambit minn diversi interessi;

25. Illi d-decizjoni in dizamina, ghalkemm superficjalment kienet titratta agir amministrattiv fit-termini ta' l-artiklu 469A tal-Kap 12 fuq riferit, fir-realta` kienet titratta kummerc ambit u fenomenalment redittizju li gie moghti lis-socjeta` hemm indikata monopolistikament;

26. Illi ghalhekk, li wiehed isostni li l-vertenza in dizamina trattata fis-sentenza in dizamina hi biss limitata ghall-kwistjoni amministrattiva, ikun fl-ahjar ipotesi verament mijopi;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li l-intimat ipprova din it-tieni eccezzjoni preliminari tieghu u konsegwentement:

**DECIDE:**

27.1. Tirrespingi din it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat;

27.2. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati;

**Finalment**:

28. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza ghal data ohra wara li tikkonsulta fir-rigward lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jigi issa investit il-mertu veru u proprju tal-procedura odjerna.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**